# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 13**

**Citazzjoni numru 953/02 JA**

**AJD Tuna Limited (C 26300)**

**v.**

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550)**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li s-socjeta` attrici ressqet fil-21 ta' Awwissu, 2002, li taqra hekk:

> "Peress li d-dghajsa Pippo II proprjeta` tas-socjeta` attrici kienet assikurata mas-socjeta` konvenuta in forza ta' polza numru 602/HDO/0569.
>
> "Peress illi fid-9 ta' Dicembru 2001 d-dghajsa de quo li kienet fil-bajja tax-Xemxija tqactilha l-irmigg u inkaljat mal-blat u bdiet teghreq bil-konsegwenza li kien hemm ir-riskju potenzjali gravi li teghreq, jipperkola l-fuel fil-bahar u jikkaguna danni ingenti lill-*fishfarms* fil-vicin.

"Peress illi d-Direttur tas-soejta attrici, Anthony Azzopardi, appena gie informat b'dak li kien qed jigri mill-ewwel informal lis-socjeta konvenuta li baghtet rapprentant taghha fuq il-post.

"Peress illi l-imsemmi Anthony Azzopardi bl-ghajnuna ta' persuni ohra ipprova jsalva lid-dghajsa u jevita li teghreq fil-bajja tax-Xemxija billi wara li saru riparazzjonijiet temporanji u intramawlha tlett pompi tal-ilma addizzjonali ipprova jinnavigaha ghall-eqreb port vijabbli fic-cirkostanzi prevalenti dak il-hin stante li kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza id-dghajsa ma setghatx tiddahhal fil-Bajja tal-Mistra.

"Peress illi matul il-vjagg id-dghajsa de quo gherqet nonstante l-isforzi kollha li saru biex tigi salvata.

"Peress illi s-socjeta attrici in forza tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija interpellat lis-socjeta konvenuta sabiex tersaq ghar-rizarciment tad-danni konsegwenzjali izda din baqghet inadempjenti ghaliex qed issostni li s-socjeta attrici ma haditx hsieb id-dghajsa de quo.

"Tghid ghalhekk l-istess socjeta konvenuta ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-gharqa tad-dghajsa de quo fid-9 ta' Dicembru 2001 u d-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta` attrici huma koperti bil-polza ta' assikurazzjoni ezistenti bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta.

"2. Tillikwida l-imsemmija danni jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

"3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta` attrici id-danni hekk likwidati.

"Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet:

"1. Illi l-kumpannija konvenuta ma hijiex marbuta taghmel tajjeb ghall-hsarat lamentati mill-atturi u dan skond l-istess polza ta' assikurazzjoni.

"2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ebda kumpens ma hu dovut lill-atturi ai termini tal-polza precitata billi l-istess atturi naqqsu li jwettqu l-obbligi assunti minnhom fuq il-polza de quo;

“3. Illi t-telfa lamentata ma hijiex koperta bil-polza in kwistjoni;

“4. Fi kwalsiasi kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, l-agir irresponsabbli u negligenti da parti tad-diretturi u impjegati tas-socjeta attrici bhala kagun tal-gharqa u dan kif ser jigi dettlajatament ippruvat tul is-smigh tal-kawza;

“5. Illi l-prova tad-danni jispetta unikament lill-atturi;

“6. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici;

“Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Ottubru, 2015, li in forza taghha cahdet it-talbiet attrici, b’dan li ordnat li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din hija azzjoni bbażata fuq il-kuntratt ta’ assikurazzjoni bejn il-partijiet. Is-soċjeta’ attriċi kienet infatti assikurata ma’ dik konvenuta permezz tad-Dokument AC1 **esebit mis soċjeta’ konvenuta** a fol 222 ossija *Linea Blue Yacht and Pleasure crafts policy.* Fid-9 ta’ Diċembru 2001 id-dgħajsa in kwistjoni bdiet tegħreq fix-Xemxija u nkaljat; għalhekk id-direttur tas-soċjeta’ attriċi ordnat ir-riparazzjonijiet momentarji biex tittieħed x’imkien ieħor iżda d-dgħajsa għerqet. Is-soċjeta’ konvenuta rrifjutat illi tħallas billi fil-fehma tagħha s-soċjeta’ attriċi naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-istess polza.

Il-parti tal-polza li taħtha s-soċjeta’ konvenuta għamlet riferenza tħallas tgħid hekk:

“*11.1 The Underwriters agree to indemnify the Assured for any sum or sums which the Assured shall become legally liable to pay and shall pay by reason of interest in the insured Vessel and arising out of accidents occurring during the currency of this insurance in respect of*

"*11.1.1 loss of or damage to any other vessel or property whatsoever*

"*11.1.2 loss of life personal injury or illness including payments made for salvage caused on or near the Vessel or any other vessel*

"*11.1.3 any attempt or actual raising removal or destruction of the wreck of the insured Vessel or the cargo thereof or any neglect or failure to raise remove or destroy the same.*

"Għalhekk jidher ċar illi il-punt in kontestazzjoni huwa jekk is-soċjeta' attriċi kinitx direttament responsabbli għad-danni li sofriet hija stess *'bl-aġir irresponsabbli u negliġenti tagħha'* kif qed teċċepixxi l-konvenuta.

"Illi matul il-ġbir tal-provi ressqu diversi xhieda u l-Qorti se tirriassumi dak li jidhrilha huma l-iktar xhieda importanti. **Chris Sant** (*coxswain* fuq id-dgħajsa in kwistjoni) a fol 29 xehed mar fuq il-post (il-Fekruna) wara telefonata minn Anthony Azzopardi li qallu li l-lanċa nqatgħet u bdiet tixxengel; qal li d-dgħajsa kienet tajba ħafna u b'saħħitha u bl-għanuna ta' żewġ impjegati reġgħu poġġewha lura; minħabba problemi oħra wara li għamlulha xi forma ta' tikħil minn taħtha (Putty) iddeċidew li jeħduha Għawdex madankollu fi triqithom beda dieħel iżjed ilma u kellhom jabbandunawha. Qal li kieku ħallewha fil-post kienet tikkawża diżastru ambjentali. **Marco Macelli** (fol 115) xehed dwar id-danni subiti mis-soċjeta' attriċi.

"Illi mportanti ukoll huwa l-affidavit ta' **Bernard Farrugia** (*claims manager* għan-nom ta' Citadel) fejn dan jgħid:

*"I spoke to Tony Azzopardi by mobile phone and he told me that the boat was taking in a lot of water and he wanted to take it to Gozo so that he could pull it out of the water on a trailer.*

"*I told him that this did not make sense. If the boat was in danger of sinking, it would be better to leave it in Xemxija than take the risk of it sinking in deep water. I suggested that the boat be taken behind the Xemxija breakwater – he told me that he was afraid that he would damage the other boats which were moored there.*

"*I also suggested that the boat be taken to Mistra Bay or behind Bugibba breakwater but he insisted that severe damage would occur.*

"*The Civil Protection Department were called and Mr Natalino Bezzina attended. They could not send a boat to help as the nearest one was at the Drydocks in Marsa.*

"*Charles Azzopardi called the Weather Forecast – they confirmed that the wind was between Force 5 - 6 and that it would remain like that during the following day also.*

"*At around 11:00 am, Tony called Charles and told him that he was leaving Xemxija to go to Gozo. They were taking a dinghy with them. The 'Bluefin' went to the Xemxija breakwater.*

"*We waited at Fekruna Point until the boat could not be seen any longer behind St. Paul's Islands.*

"*At around 11:45 am, Tony called Charles and asked him to send the 'Bluefin' as they needed assistance. After about 15 minutes, Charles went to Xemxija breakwater to speak to the crew and we saw the 'Bluefin' leave Xemxija.*

"*Joe Abela and myself left. Agreed that Joe would advise me of all developments."*

"Illi huwa kkonkluda li l-assikurat ħa riskju mhux raġonevoli :

*"I feel that the Insured took an unnecessary and unreasonable risk by deciding to take the boat to Gozo. The fact that it has sunk in deep water will prevent any investigations being carried out and has prejudiced our position. If boat sank in shallow water such as Mistra Bay, loss would have been minimal.*

"*The patching up of the boat was a temporary repair and, in view of the bad sea conditions, it was not reasonable to expect that the boat could be taken to Gozo safely. The Insured has not acted as if uninsured."*

"Illi s-soċjeta' konvenuta fin-nota inizjali tagħha rreferiet għall-artikolu 4.1.1. tal-polza li jgħid li: *"the underwriters shall be entitled to decide the port to which vessel shall proceed for docking or repair…"* Tgħid li allura billi Azzopardi ddeċieda li jaġixxi kontra l-istruzzjonijiet ta' Farrugia (li qallu biex id-dgħajsa jeħodha x-Xemxija, il-Mistra jew Buġibba) u jieħu l-vapur Għawdex, hija ma hijiex tenuta tħallas.

"Illii huwa għaqli f'dan l-istadju li l-Qorti tirriproduċi l-konklużjonijiet tal-espert tekniku :

"*Osservazzjonijiet*

"1. *Il-PIPPU II kien bastiment tal-Ferrocement. Ferrocement hija metodu ta' kostruzzjoni fil-bini ta' bastimenti żgħar. Kultant jirreferu għalihom bħala bastimenti tal-concrete jew cement. Basikament il-metodu ta' kostruzzjoni hija li qafas tal-virga tal-ħadid u wire mesh jiġi miksi bil-concrete-cement mingħajr materjal (agrigate) miżjud.*

"2. *Meta l-PIPPU II inħall jew inqata' mil-irmiġġ fejn kien marbut, ma kienx hemm ħadd abbord il-bastiment.*

"3. *L-irmiġġ tal-PIPPU II kien taħt ir-riħ tal-Fish farm li kien fil-viċinanza.*

"4. *Mix-xhieda fl-ispoll ipprovdut jidher li l-bastiment kellu t-tankijiet tad-diesel kważi mimlija. Dan ikkalkulat li kien ftit anqas minn 30 tunellata metriċi ta' diesel oil.*

"5. *Bħalma kien innotat, il-PIPPU II kien marbut taħt ir-riħ tal-Fishfarm. Meta nħall jew inqata' mill-irmiġġ, dan il bastiment daħal 'il ġewwa fil-Bajja ta' San Pawl, taħt l-influenza tar-riħ u l-kurrenti, bil-konsegwenza li tbiegħed mill-istess Fishfarm. L-istess kien jiġri jekk ħareġ xi żejt jew diesel mill-istess bastiment.*

"6. *Il-bastiment kien mgħobbi bil-konteni turi {Harvest bins} mimlija bis-silġ.*

"7. *Il-Bajja ta' San Pawl hija miftuħa għar-riħ u l-baħar mill-Grigal (North East).*

"8. *Il-materjal użat (Milliput) fuq il-qiegħ tal-PIPPU II kien applikat biex inaqqas id-dħul tal-ilma fil-bastiment u kien meqjus bħala first aid.*

"9. *Il-PIPPU II, barra li kellu xi qsim fil-parti ta' taħt l-ilma bħala konsegwenza tal-kuntatt mal-qiegħ jew oġġett taħt l-ilma, sofra wkoll ħsara fil-prim (keel). Ġiet irrapportata li parti mill-prim (keel) kienet nieqsa. Wieħed irid jinnota l-prim (keel) ta' bastiment huwa s-sinsla (backbone) tal-bastiment u huwa element importanti fis-saħħa fil-kostruzzjoni tal-istess bastiment.*

"10. *Kif l-insurance tirrekjedi li surveyor ikkwalifikat jagħmel survey report biex toħroġ polza ta' assikurazzjoni, ġie nnotat li ma tatx parir biex jiġi surveyor biex jgħamel survey tal-ħsara li ġarrab il-bastiment PIPPU II biex:*

"*a) Jagħti parir professjonali dwar x'tip ta' tiswijiet temporanji hemm meħtieġa (cement box) biex issaħħaħ dawk li diġa' ġew affetwati.*

"*b) Jekk il-kundizzjoni tal-bastiment kinitx b'saħħitha biżżejjed biex il-bastiment jinnaviga għall-Imġarr, Għawdex, speċjalment f'dawk il-kundizzjonijiet tat-temp.*

"11. *Is-sid, is-Sur Anthony Azzopardi kkonferma li l-ilma ġie taħt kontroll wara li applikaw il-Milliput fejn kien hemm ix-xquq fil-parti taħt l-ilma. Wieħed irrid jinnota li dan il-materjal ġie applikat taħt sitwazzjoni ta' emerġenza, li tal-effett mixtieq. Wieħed irid iżomm f'rasu li l-ebda preperazzjoni xierqa ma ġiet affetwata, jiġifieri dak ta' tindif mill-frak li jista' ikun hemm u preparazzjoni ta' bażi tajba għall-materjal użat kif ukoll xogħol biex il-qsim ma jkomplix jikber (arresting of cracks). Bl-anqas moviment strutturali l-probabbilta' hija li x-xquq jerġgħu jinfetħu.*

"*Il-bastiment riedu jsirulu aktar riparazzjoni biex ma jidħolx iżjed ilma mill-qsim. Wieħed mill-metodi huwa li jsir cement box in-naħa ta' ġewwa tal-qsim biex il-qafas jiġi rinforzat fejn hemm il-qsim fond.*

"12. *Il-fatt li l-bastiment ġie suġġett għal ċaqliq f'baħar miftuħ għal maltemp (rolling and pitching) dan żied il-probabbilta' li x-xquq jikbru u l-Milliput jitlef l-effett tiegħu.*

"*Taħt dawn l-kundizzjonijiet meta jidħol l-ilma fil-qafas u l-kompartimenti tal-bastiment, l-ilma jibda jiġri 'l hemm u 'l hawn (sloshing about) dan jikkawża biex tintilef l-istabbilta' tal-bastiment bil-konsegwenza ta' riskju li l-bastiment jinqaleb.*

"13. *Il-prim (keel) ġie rrappurtat li kellu parti minnu nieqsa (danneġġjata). Bħalma ġie spjegat f'dan ir-rapport. Il-prim huwa s-sinsla tal-bastiment u ħsara fil-prim tfisser li s-saħħa tal-bastiment ġiet mnaqqsa bil-konsegwenza li l-bastiment seta' jinqasam meta suġġett għal maltemp.*

"14. *Biex l-stresses mill-istruttura jiġu mnaqqsa l-aħjar azzjoni kienet tkun li jitneħħa kull piż mill-bastiment li dan jinkludi l-fuel. Il-vjaġġ ried jiġi eżegwit f'baħar kalm u l-bastiment jiġi rmunkat.*

*"15. It-traġitt bejn il-pożizzjoni tal-irmiġġ tal-PIPPU II f'San Pawl il-Baħar u l-Port tal-Imġarr, Għawdex huwa madwar disgħa mili nawtiċi (17km).*

*"16. Mhux ċar jekk il-Protezzioni Ċivili ġietx avżata għalkemm mix-xiehda tas-Sur Peter Cordina ma kien hemm xejn illoggjat uffiċjali – fl-immaġini fotografiċi fl-ispoll tal-Qorti tidher karozza tal-Protezzjoni Ċivili.*

*"17. Bħalma ġie spjegat il-bastiment kien marbut 'il barra mill-Moll tal-Fekruna taħt ir-riħ tal-fish farm – tal-Qala tal- Mistra*

*(Mistra Bay) u dak fin-nofsinhar tal-Gżejjer ta' San Pawl and Selmunett. Biex wieħed jinnaviga għall-Imġarr, Għawdex il-bastiment ried jiġi nnavigat fuq ir-riħ tal-fish farms u kull inkwinament kien jirriżulta li r-riħ u l-baħar kien immexxi dan dritt għall-fish farms. It-traġitt kien ukoll jieħu l-bastiment qrib u fuq ir-riħ ta' fish farms oħra. Dawk tal-Bajja tal-Mellieħa ħdejn Rdum il-Ħmar u fish farm South of Comino ħdejn Wied Ternu {if taking the shortest route from Il-Fliegu Ta' Kemuna}.*

*"18. Id-diesel oil huwa meqjus bħala żejt ħafif – ir-rata ta' evoporazzjoni fl-arja hija għolja (high evaporation rate), jinfirex malajr u jitfarrak b'rata mgħaġġla taħt l-effett tal-maltemp. Prova ta' dan hija li l-ġurnata ta' wara l-għarqa tal-PIPPU II ma kienx fadal traċċi ta' żejt fil-wiċċ tal-ilma għalkemm ir-riħ u l-baħar kien jonfoħ lejn l-art.*

*"Konklużjoni*

*"Id-deċiżjoni biex il-bastiment, PIPPU II, jiġi nnavigat fil-kundizzjoni li kien u fit-temp prelevanti tal-ġurnata, kif ukoll bil-magni tiegħu ma kienitx deċiżjoni tajba.*

*"Kif ġie spjegat f'dan ir-rapport ir-rappreżentant tal-insurance seta' ta l-parir li jiġi mgħajjat nautical surveyor biex tkun evalwata s-sitwazzjoni aħjar u jkun jista' jagħti parir professjonali dwar it-tiswijiet li setgħu jiġu affetwati qabel ma jittieħed it-traġitt bejn San Pawl il-Baħar u l-Mġarr Għawdex. Is-Sidien ukoll messhom ħadu din l-azzjoni biex jipproteġu l-interessi tagħhom mal-insurance u f'każ ta' nkwinament.*

*"Il-fatt li l-bastiment imsemmi seta' jegħreq fil-post kien reali u s-sidien tal-bastiment kienu konxji ta' dan il-fatt. Kien jkun għaqli li ssir talba lil Protezzjoni Ċivili biex il-bastiment jiġi mdawwar b'booms protettivi biex inaqqas it-tixrid tad-diesel f'każ tal-għarqa tal-bastiment imsemmi."*

"Illi l-espert anke fir-risposti tiegħu għad-domandi in eskussjoni huwa tal-konvinzjoni li l-uffiċjali tas-soċjeta' attriċi kienu imprudenti meta ddeċidew li jieħdu l-vapur Għawdex fiċ-ċirkostanzi tat-temp dakinhar u l-istat tal-istess vapur. Jirriżulta wkoll li huma ma mxewx skond l-istruzzjonijiet tar-rappreżentant tas-soċjeta' assikuratriċi. Dawn il-fatturi huma biżżejjed biex il-Qorti mingħajr il-bżonn ta' indaġini ulterjuri tiddeċiedi li tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Fejn naqset is-soċjeta' konvenuta kien li naqset li tipprovdi opinjoni esperta dak il-ħin; **ta' dan il-Qorti se tieħu kont meta tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż**. Madankollu l-Qorti ma għandha ebda dubju li għandha tadotta l-opinjoni tal-espert nominata minnha għaliex kif intqal fil-kawża **"Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat et"** (deċiża fit-23 ta' Ġunju 1967)

> *"għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta' lilha mogħtija b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi rraġonevoli."* Bl-istess mod il-Qorti (Prim Awla) ippronunzjat ruħha fil-kawża fl-ismijiet **"Josepħine Micallef vs Louis Zammit" –** deċiża fil-11 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014, u aktar riċentement l-istess Qorti tal-Appell fil-kawżi fl-ismijiet **"Kummissarju tal-Artijiet vs Mugliette et"** deċiża fit-28 ta' Marzu 2014 u **"Giulia Curmi et vs Gużeppi Schembri"** deċiża fl-24 ta' April 2015. Dak li ngħad fir-rigward ta' perizji ta' periti arkitetti japplika wkoll għall-perizji ta' esperti oħra. "

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

> "thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Ottubru 2015 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-eccezzjonijiet ta' Citadel Insurance p.l.c. u tilqa' t-talbiet ta' AJD Tuna Ltd, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kumpannija appellata."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

> "tirriforma s-sentenza appellat billi filwaqt li tikkonfermaha fejn cahdet it-talbiet attrici tvarjaha in kwantu ddecidiet li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u minflok tordna lill-attrici thallas l-ispejjez kollha tal-kawza."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna incident li sehh f'Dicembru tal-2001 meta dghajsa tas-socjeta` attrici, bl-isem ta' "Pippo II", kagun tar-rih qawwi li kien qed jonfoh, tqacctet mill-irmigg taghha fil-bajja tax-Xemxija u nkaljat mal-blat.

Biex tigi evitata gharqa u tixrid tal-fuel (id-dghajsa kellha t-tankijiet tad-diesel kwazi mimlija) u hsara lill-*fish farms* tal-vicin, direttur tas-socjeta` attrici ghamel xi riparazzjonijiet temporanji u ddecieda li jiehu d-dghajsa f'port Ghawdex. Meta sar jaf x'kien qed jigri d-direttur ikkomunika mas-socjeta` konvenuta u l-*claims manager* qallu li ma kienx qed jaqbel li d-dghajsa tittiehed Ghawdex, u jekk din kienet ser teghreq "*it would be better to leave it in Xemxija*". Id-direttur tas-socjeta` attrici biex, skont hu, jevita hsara ambjentali, iddecieda li xorta wahda jehodha Ghawdex, izda fi triqithom beda diehel izjed ilma u d-dghajsa giet abbandunata.

Is-socjeta` attrici qed titlob kumpens minghand is-socjeta` konvenuta ghat-telf tad-dghajsa in vista tal-polza ta' assikurazzjoni li kellha maghha. Is-socjeta` konvenuta qed tirrifjuta li thallas ghax qed tissottometti li kien l-agir irresponsabbli u negligenti da parti ta' ufficjali tas-socjeta` attrici li kien il-kagun tal-gharqa.

L-ewwel Qorti qablet mar-rapport ta' perit tekniku minnha mahtur biex jassistiha fl-indagini taghha, fis-sens li d-decizjoni li ha d-direttur tas-socjeta` attrici li jinnaviga l-bastiment bil-magni tieghu, fit-temp prelevanti tal-gurnata, "*ma kenitx decizjoni tajba*". B'hekk cahdet it-talbiet attrici.

Is-socjeta` attrici appellat u tissottometti li dak li qal il-*claims manager* tas-socjeta` attrici kien suggeriment u mhux ordni, u li fic-cirkostanzi l-agir tieghu ma kienx wiehed negligenti.

Trattat l-appell, din il-Qorti, wara li hasbet sew fuq il-materja, tara li ma tistax taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti. Huwa veru li d-decizjoni li d-dghajsa tittiehed lejn Ghawdex tidher li kienet wahda hazina; fil-fatt il-perit tekniku irrimarka li t-tiswija temporanja ma kenitx wahda ideali peress li bl-anqas moviment stutturali l-probabbilta` hija li x-xquq jergghu jinfethu. Dan il-perit qal ukoll li biex l-*stresses* mill-istruttura jigu mnaqqsa, l-ahjar azzjoni kienet tkun jitnehha kull piz mill-bastiment, li dan jinkludi l-fuel, il-vjagg ried jigi ezegwit f'bahar kalm u l-bastiment jigi irmunkat. Is-socjeta` attrici ma segwietx din il-procedura u kif kien prevedibbli waqt li d-dghajsa kienet qed tinstaq lejn l-Imgarr, Ghawdex, il-forza tal-bahar rega' qasam ix-xquq u bdiet teghreq.

Jibqa' il-fatt, pero`, illi kieku d-dghajsa thalliet ix-Xemxija xorta wahda kienet teghreq u tintilef. L-imsemmi perit, fil-fatt, qal li "***il-fatt li l-bastiment imsemmi seta' jeghreq fil-post kien reali***". Hu ssuggerixxa li kien ikun ahjar li l-bastiment jigi mdawwar b'booms protettivi biex inaqqas it-tixrid tad-diesel f'kaz tal-gharqa tal-bastiment imsemmi.

Isegwi li, ghalkemm is-socjeta` attrici hadet decizjoni zbaljata li tipprova tiehu d-dghajsa lejn Ghawdex, mhux dan kien il-kagun tat-telfa tad-dghajsa. Il-kawza prossima tal-gharqa ma kenitx id-decizjoni zbaljata li ha fuq is-sit id-direttur tas-socjeta` attrici, izda l-maltemp. Id-dghajsa kienet *seaworthy* qabel dakinhar, u l-hsarat li sofriet, specjalment fil-prim, (li huwa s-sinsla tal-bastiment), graw minhabba l-maltemp. Gie spjegat mill-perit tekniku li l-hsara fil-prim tfisser li s-sahha tal-bastiment giet imnaqqsa bil-konsegwenza li l-bastiment seta' jinqasam meta suggett ghal maltemp. Kompla jispjega li "*one can only attribute the sinking to the overall damage sustained during the grounding*". Kwindi, ma kienx l-agir tas-socjeta` attrici, anchorche` negligenti, li wassal ghall-gharqa.

Huwa principju li f'kuntratt ta' assikurazzjoni, l-obbligu ta' agir in bona fede jorbot mhux biss lill-assikurat, izda wkoll lill-assikuratur. Darba li f'dan il-kaz jirrizulta li d-dghajsa "Pippo II" tas-socjeta` attrici intilfet rizultat ta' maltemp, u mhux konsegwenza ta' xi agir tas-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici trid tigi rimborsata ghat-telf li garrbet.

Fil-kuntest tad-danni, jirrizulta li d-dghajsa kienet tiswa Lm18,000, izda fuqha saru hafna xoghlijiet. L-accountant tas-socjeta` attrici pprezenta u kkonferma bil-gurament prospett, bl-ircevuti relattivi, li jindika li meta tqis kollox (il-prezz tad-dghajsa u l-prezz ta' xoghlijiet ohra li saru fuqha), id-dghajsa kienet tiswa Lm31,541,14. Din il-figura tinkwadra ruhha fis-somma tal-assikurazzjoni li hija ta' Lm37,500.

Meta tqis pero`, l-uzu li sar minhha tul iz-zmien li damet ghand il-kumpanija attrici, u s-*salvage value* tad-dghajsa li kieku din thalliet teghreq ix-Xemxija, fejn kien relattivament baxx, il-Qorti tara li l-kumpens ghandu jkun ta' Lm20,000 jew €46,588. Dan qed jinghad peress illi, kif intwera, l-gharqa tad-dghajsa kienet rizultat tal-maltemp, imma d-danni setghu gew imnaqqsa li ma kienx ghad-decizjoni zbaljata u negligenti li hadet is-socjeta` attrici meta ddecidiet tipprova ssuq id-dghajsa lejn Ghawdex. Din id-decizjoni, probabbilment ittiehdet fl-interess personali taghha biex tigi evitata l-hsara li l-hrug tad-diesel seta' jaghmel lill-*fish farms* fl-inhawi. Hi x'inhi, bid-decizjoni li hadet is-socjeta` attrici, li kienet zbaljata, intilef ic-cans li d-dghajsa tigi *salvaged*, u ghalkemm din il-Qorti m'ghandhiex stima tal-*wreck value* tad-dghajsa, imxiet *arbitrio boni viri* a bazi tad-diversi figuri li ssemmew fl-atti u tal-hsarat estensivi li garrbet id-dghajsa.

Fir-rigward tal-ilment li l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi fuq talba tas-socjeta` attrici ghall-hatra ta' periti perizjuri (peress li ma kenitx sodisfatta bir-rapport tal-perit tekniku nominat), din il-Qorti tirrileva li, fil-waqt li hu veru li saret din it-talba, is-socjeta` attrici ma baqghetx tinsisti fuq din it-talba taghha u, ghalhekk, ghandha titqies rinunzjata. Is-socjeta` attrici kellha kull opportunita` quddiem l-ewwel Qorti li tinsisti fuq it-talba taghha u titlob provvediment fuq l-istess. Hi naqset li taghmel dan u ma tistax issa, fi stadju ta' appell, tipprova taghmel dak li kellha taghmel precedentement.

Fil-fatt, wara li saret l-eskussjoni tal-perit tekniku, is-socjeta` attrici talbet zmien biex tressaq nota ta' sottomissjonijiet, u t-talba li kienet ghamlet ghall-hatra ta' periti perizjuri ma ssemmietx aktar.

Dan l-aggravju hu ghalhekk, michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` attrici billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza lil tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Ottubru, 2015, u minflok tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti; u ghall-fini tat-tieni talba tillikwida danni li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici fis-somma ta' €46,588, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluza dawk in prim istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr